MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2070/2003

**Tabib Dottor Andrew Cassar**
**(I.D. 377475M)**

**Vs**

**Wagdi Ben Hamed u ghall kull interess li jistgha jkolla martu Dorothy Ben Hamed Sciberras detenturi rispettivament ta' (I.D. 20869A) u (I.D. 545978M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' Lm757.04c (seba' mija u sebgha u hamsin lira Maltin u erba' centezmi) rapprezentanti bilanc dovut mill-konvenut rigward il-kirja tal-fond ta' l-attur, inkluzi l-kontijiet tad-dawl u l-ilma, danni kkawzati lill-oggetti proprjeta' ta' l-attur illi jinsabu fl-istess fond flimkien ma' valuri ta' oggetti li l-konvenut nehha mill-istess fond.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut ikkonferma li kien jikri l-fond ta’ l-attur izda qatt ma tah ircevuti tal-hlas. Jghid ukoll illi l-kontijiet ta’ l-ilma u tad-dawl kien hallashom. Jikkonferma li kien hemm danni kkawzati fil-fond izda jichad li jammontaw ghal Lm757.04c (seba’ mija u sebgha u hamsin lira Maltin u erba’ centezmi). Il-konvenut jghid ukoll illi kien l-attur stess li qallu sabiex jekk jivvekwalu l-fond qabel iz-zmien miftiehem l-attur ma kienx ser jinsisti li jithallas ta’ dawn id-danni minimi.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-Affidavit tat-Tabib Andrew Cassar, Alfred S. Cassar, Roanna Pisani, Ritianne Muscat, Ismael Lazar Bin Hamed u ta’ Ben Hamed Wagdi.

Ra x-xhieda ta’ Claudine Cassar, mart l-attur, fejn tghid illi l-konvenut kien ikkonferma li ser jibqa’ fil-fond mikri ghall-perjodu ta’ almenu sena izda spicca telaq qabel. Tghid illi fil-kuntratt kien hemm penali jekk il-konvenut johrog qabel sena. Tghid ukoll illi l-konvenut kien iffirma karta fejn accetta l-kontijiet. Cassar kienet avzatu fuq id-danni li sofrew huma izda l-konvenut qalilhom li ma kellux flus.

Claudine Cassar tghid illi wara li l-konvenut telaq mill-post ma krewhx mill-ewwel minhabba l-fatt illi l-konvenut kien halla l-post fi stat hazin hafna. Tikkonferma li dejjem kienu jaghtuh ircevuta ghal kull haga li jhallas.

Tghid illi ghalkemm kellhom l-ilmenti xorta ma tterminawx il-kirja qabel minhabba li huma stess ippruvaw jirrangaw bil-kelma t-tajba sabiex il-konvenut ihallas dak li kien dovut.
Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jikkonferma l-firma tieghu fuq id-dokumenti. Jghid illi ma jafx jaqra u meta ffirma fuq id-dokument minhabba l-hlas tal-kontijiet jghid li l-istess dokument kien vojt meta ffirmah.

Il-konvenut jghid ukoll illi hareg qabel sena mill-post mikri ghaliex l-attur kien talbu pjacir sabiex johrog minhabba li kienet gejja l-mara ta’ huh tistudja minn barra.

Ra x-xhieda ta' Alfred Cassar, prodott in kontro-ezami, fejn jghid illi l-konvenut qatt ma kien ilmenta fuq xi haga. Jichad illi l-kamra tas-sodda kienet umduza.

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur u tal-konvenut.

Illi l-konvenut stess ammetta illi saret hsara min-naha tieghu lill-oggetti fil-fond. Illi kif deher f'diversi xhieda u anki fil-kuntratt, il-fond mikri kien fi stat tajjeb qabel ma dahal il-konvenut. Illi jekk kien hemm xi haga fi stat hazin fil-mument tal-kirja kien il-konvenut li kellu jipprova l-istess. Illi l-Affidavit ta' Caroline Sultana hu prova ta' l-istat li fih il-konvenut halla l-fond.

Illi l-konvenut iffirma dokument D fejn juri li ghandu jhallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma u ghalhekk l-istess konvenut bhala persuna li ffirma dan id-dokument jibqa' responsabbli li jhallas l-istess.

Illi fil-kuntratt tal-kirja l-konvenut accetta li jhallas l-ammont mitlub jekk jittermina l-lokazzjoni qabel il-waqt. Illi l-allegazzjoni tieghu li l-attur accetta t-terminazzjoni minghajr ma jinsisti ghal dan l-ammont mhux ippruvat.

Illi l-konvenut jikkontesta wkoll hafna mill-istimi bhal per ezempju barmil Lm2 (zewg liri Maltin), sett lozor Lm8 (tmien liri Maltin), u *mop* u borom Lm9 (disa' liri Maltin). Illi dan it-Tribunal jidhirlu li ma ngabitx l-ahjar prova dwar il-valuri ta' l-oggetti ddanneggjati u ghalhekk qieghed jirriduci l-ammont mitlub *arbitrio boni viri* bl-ammont ta' Lm10 (ghaxar liri Maltin).

Illi f'dawn ic-cirkostanzi r-Risposta tal-konvenut ghandha tigi michuda.

Ghaldaqstant filwaqt li jichad ir-Risposta tal-konvenut, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-ammont ta' Lm747.04c (seba' mija u sebgha w erbghin lira Maltin u erba' centezmi) u l-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------